**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 963/2013 AF**

**Marcelle Demicoli**

**vs**

**Mediacoop Limited (Reg. No. 49)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Marcelle Demicoli li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti ghamlet zmien konsiderevoli bhala membru fil-koperattiva intimata u sahansitra serviet bhala membru fil-Kumitat ta' Tmexxija tal-istess, inkluz fil-kariga ta' President.

Ir-rikorrenti irrizenjat is-shubija taghha mill-koperattiva b'effett mill-10 ta' Jannar 2013 u dana wara li baghtet ittra lill-Kumitat ta' Tmexxija sabiex tinfurmahom b'dan (ara kopja tal-ittra datata 9 ta' Jannar 2013 annessa u mmarkata bhala Dok. A).

Kif inhuwa indikat fil-Letter of Representation datata 26 ta' Gunju 2012, iffirmata inter alia bejn il-partijiet qua membri tal-kumitat tat-tmexxija tal-koperattiva intimata (ara kopja annessa u mmarkata bhal Dok. B), l-istess koperattiva intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammonti segwenti:

- €7,244.32 rapprezentanti arretarati ta' sitt xhur paga;
- €19,836.61 rapprezentanti rifuzjoni ta' kontirbuzzjoni maghmula mir-rikorrenti lill-koperattiva intimata;
- €1,326.85 rapprezentanti rimbors fost il-patrunat;
- €2,584.63 rapprezentanti rifuzjoni ta' sehem bonus mahrug fis-sena 2006.

Il-koperattiva intimata hija debitrici tar-rikorrenti ukoll fl-ammont ta' €232.94 rapprezentanti rifuzjoni tal-ammont imhallas mir-rikorrenti bhala sehem ta' shubija.

Ghalhekk il-koperattiva intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma totali ta' wiehed u tletin elf mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€31,225.35).

Minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, inkluz permezz tal-ittra bonarja datata 13 ta' Marzu 2013 (ara kopja annessa u mamrkata bhala Dok. C), il-koperattiva intimata baqghet inadempjenti.

Dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u r-rikorrenti thoss li l-koperattiva intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet taghha.

Ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tiddikjara illi l-koperattiva intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma totali ta' wiehed u tletin elf mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u tletin centezmu

(€31,225.35) rapprezentanti in kwantu s-somma ta' €7,244.32 bhala arretarati ta' sitt xhur paga, s-somma ta' €19,836.61 bhala rifuzjoni ta' kontirbuzzjoni, s-somma ta' €1,326.85 rapprezentanti rimbors fost il-patrunat, s-somma ta' €2,584.63 rapprezentanti rifuzjoni ta' sehem bonus mahrug fis-sena 2006 u s-somma ta' €232.94 rapprezentanti rifuzjoni tal-ammont imhallas bhala sehem ta' shubija.

3. Tikkundanna lill-koperattiva intimata thallas din is-somma lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mid-dati ta' meta l-ammonti separati fuq imsemmija gew dovuti rispettivament sad-data tal-effettiv pagament.

Il-koperattiva intimata hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tas-7 ta' Novembru 2013 u peress illi l-Qorti qieset illi s-soċjetà konvenuta kellha eċċezzjonijiet xi tressaq ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta r-risposta tagħha għar-rikors tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mediacoop Limited maħlufa minn John Mallia li permezz tagħha eċċepiet illi:

Waqt is-smiegh tal-kawza odjerna tas-7 ta' Novembru 2013, dina l-Onorabbli Qorti ghogobha takkorda lis-socjetà konvenuta il-fakoltà li tipprezenta r-risposta guramentata taghha ai termini tal-Artikolu 170(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Primarjament jigi sottomess illi l-proceduri *de quo* huma intempestivi stante li r-rikorrenti qatt ma nterpellat lis-socjetà konvenuta b'xi att gudizzjarju ghall-pagament tas-somma pretiza minnha, ghajr ir-rikors guramentat odjern u l-kontestwali mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u b'hekk is-

socjetà konvenuta m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ispejjez tal-proceduri odjerni u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif ukoll l-interessi relattivi.

Is-socjetà konvenuta ghamlet kuntatt mal-bank hekk kif ir-rikorrenti rrizenjat mis-shubija taghha mas-socjetà konvenuta bil-ghan li tkun tista' tinghata prestitu u thallas lill-istess rikorrenti. Il-procedura sabiex jigi ottenut l-imsemmi prestitu dam numru ta' xhur u dan minghajr htija tas-socjetà rikorrenti. Matul dan iz-zmien, is-socjetà konvenuta zammet lill-istess rikorrenti aggornata bl-istatus tal-prestitu.

Di fatti, il-Bank effettivament taha l-prestitu lis-socjetà konvenuta ftit jiem biss wara li r-rikorrenti, minghajr l-ebda preavviz jew interpellazjoni legali, talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, liema mandat ta' sekwestru u s-sussegwenti proceduri odjerni setghu facilment jigu evitati li kieku l-istess rikorrenti interpellat lis-socjetà konvenuta u ghalhekk, l-istess socjetà konvenuta m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-imsemmija spejjez.

Kieku r-rikorrenti tat lis-socjetà konvenuta l-opportunità effettiva jew il-possibilità reali li jirrizolvu amikevolment il-kwistjoni tal-pagament, zgur li ma kienux jigu inizzjati proceduri gudizzjarji u zgur ma kienx ikun hemm pretensjonijiet bhal dawk avvanzati. Hekk kif maghruf, hu obbligu li kontraent (f'dan il-kaz, ir-rikorrenti) jimxi skond bona fidi u korrettezza (Art. 993 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u li jiehu hsieb josserva l-interessi tal-kontraent l-iehor (f'dan il-kaz, is-socjetà konvenuta) u mhux solament dawk proprji. L-agir intempestiv tar-rikorrenti, ghalhekk, ma jistax jigi njorat jew sorvolat.

Di più, is-socjetà konvenuta digà ddikjarat li ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €31,225.35 sa mill-bidu nett tal-proceduri odjerni u di fatti, l-istess rikorrenti hija minn issa libera li tizbanka l-imsemmi ammont u dan skond in-nota pprezentata fil-21 ta' Novembru 2013 mis-socjetà konvenuta l-atti tal-mandat ta' Sekwestru Nru. 1538/2013 u tas-sussegwenti cedola ta' depozitu nru. 1392/2013 fl-ismijiet premessi, liema nota ggib il-cash number 2314/11/2013, u

kopja taghha qed tigi hawn annessa u mamrkata bhala Dok. "MC 1".

B'hekk, anke t-talba ghall-kundanna tal-interessi legali hija wahda irrizorja u m'ghandhiex tigi milqugha.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dokument anness.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attriċi qiegħda titlob illi s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallasha l-ammont ta' €31,225.35 rappreżentanti arretrati ta' paga u rifużjoni ta' kontribuzzjoni, bonus u sehem ta' sħubija kif ukoll rimbors fost il-patrunat. Is-soċjetà konvenuta qiegħda tammetti għat-talbiet attriċi iżda qiegħda toġġezzjona għall-kap tal-ispejjeż u imgħax mitlub stante li hija tgħid illi l-azzjoni hija intempestiva peress illi l-attriċi ma nterpellatx lill-konvenuta tħallas is-somma pretiża minnha permezz ta' att ġudizzjarju qabel ma ġiet preżentata l-kawża odjerna u kontestwali mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Hija eċċepiet illi l-koperattiva kienet fl-istadju li tiffirma kuntratt ta' self mal-bank sabiex tkun tista' tħallas lill-attriċi l-ammont pretiż minnha u fil-fatt esibiet kopja ta' nota preżentata fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1538/2013 permezz ta' liema nota l-koperattiva awtorizzat lill-attriċi tiżbanka l-ammont depożitat permezz ta' ċedola numru 1392/2013. Din in-nota ġiet ippreżentata fil-21 ta' Novembru 2013.

Fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2014, l-abbli difensur tar-rikorrenti Dr Victor Axiaq ivverbalizza li:

*"l-pretensjonijiet tal-istess attriċi fir-rigward ta' €19,863.61, l-imgħaxijiet mhumiex qed jintalbu għar-raġuni li rriżulta illi effettivament l-imgħaxijiet fuqhom ma kellhom qatt jibdew jiddekorru, fir-rigward tal-bilanċ, l-imgħaxijiet qegħdin jintalbu b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf, u ċioe mis-7 ta' Ottubru, 2013 sad-data tal-preżentata tan-nota tas-soċjetà konvenuta fil-21 ta' Novembru 2013, li permezz tagħha taw l-awtorizzazzjoni lill-attriċi sabiex tiżbanka liberament is-somma kapitali li kienet ġiet depożitata*."

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni, jibda biex jingħad illi huwa magħruf illi ħlief għal kawżi kontra l-Gvern, mhijiex meħtieġa ebda sejħa għall-ħlas qabel tinfetaħ kawża.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi kienet membru tal-koperattiva konvenuta kif ukoll għamlet żmien tokkupa l-kariga ta' president tal-istess koperattiva. Permezz ta' ittra datata 9 ta' Jannar 2013, l-attriċi nfurmat lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-koperattiva li hija kienet qiegħda tagħti r-reżenja tagħha minn membru tal-Kumitat ta' Tmexxija, speċifikament mill-kariga ta' president tal-koperattiva. Fl-istess ittra hija għamlet talba għall-ammont dovut lilha mingħand il-koperattiva u ċioè l-ammont ta' €28,640.72. Permezz ta' ittra oħra datata 13 ta' Marzu 2013 li ntbaghtet lill-Kumitat tat-Tmexxija għan-nom tal-attriċi, l-ammont ġie rivedut għall-€31,225.35 u ċioè l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni. Intalab ukoll l-imgħax skont il-liġi. Fl-istess ittra l-Kumitat ta' Tmexxija tal-koperattiva konvenuta ġie avżat illi fin-nuqqas illi jsir il-ħlas fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-ittra, l-attriċi kienet ser tieħu passi legali sabiex tipproteġi l-interessi tagħha, inkluż il-ħruġ tal-mandati opportuni.

Jirriżulta li inizjalment il-koperattiva kienet offriet lir-rikorrenti li l-ammont dovut jitħallas lilha f'rati mensili ta' €400 b'dan illi l-ammont kollu kien ser jitħallas fi żmien sitt snin. Ir-rikorrenti infurmat lill-koperattiva konvenuta li dan ma kienx aċċettabli għaliha. Dan jirriżulta minn skambju ta' *e-mails* bejn il-partijiet datati Frar u Marzu 2013. Jirriżulta li fil-15 ta' Marzu 2013 il-koperattiva inizjat il-proċess sabiex tissellef mill-bank biex

tħallas l-ammont dovut lill-attriċi. Iżda minħabba dewmien fil-proċess, il-kuntratt ta' self mal-bank seta' jiġi ffirmat biss bejn il-bank u l-koperattiva f'Ottubru tas-sena 2013 u ċioè aktar minn 6 xhur wara li fallew in-negozjati bejn il-partijiet fir-rigward ta' kif għandu jsir il-ħlas dovut lill-attriċi. L-aħħar *e-mail* li ntbghatet mingħand l-attriċi sabiex tistaqsi fiex kien wasal il-proċess sabiex titħallas hija datata 29 ta' April 2013. John Mallia għan-nom tal-koperattiva wieġeb għal din l-*e-mail* l-għada billi nfurmaha li l-proċess sabiex jottjenu self mill-bank kien għadu għaddej u li huwa kien ser jinfurmaha kif il-proċess ikun finalizzat.

Il-koperattiva intimata tgħid illi hija m'għandhiex tbati spejjeż jew tħallas imgħax fuq is-somma dovuta peress illi l-attriċi kienet konsapevoli tal-fatt li l-qagħda finanzjarja tal-koperattiva ma kinitx tajba. John Mallia rappreżentant tal-koperattiva konvenuta xehed illi l-attriċi kienet konsapevoli tal-qagħda finanzjarja tal-koperattiva u li l-Kumitat ta' Tmexxija kien inħasad bir-riżenja tagħha. Huwa jgħid illi wara l-aħħar *e-mail* datata 30 ta' April 2013 huwa ma kienx reġa kkomunika mal-attriċi u lanqas ħass il-bżonn li jżommha infurmata dwar fejn kien wasal il-proċess sabiex il-koperattiva tottjeni s-self biex l-attriċi tkun tista' titħallas. Iżda jirriżulta li l-attriċi kienet iżżomm hi stess kuntatt mal-bank. Rappreżentant tal-bank in kwistjoni xehdet u spjegat illi d-dewmien fil-proċess kien minħabba r-riċerki neċessarji li kellhom isiru fuq il-proprjeta immobbli tal-koperattiva kif ukoll peress illi l-koperattiva naqset milli tibgħat lill-bank id-dokumenti kollha meħtieġa.

L-attriċi tgħid illi rappreżentanti tal-bank kienu aċċertawha li l-kuntratt ta' self kellu jsir sal-aħħar ta' Settembru 2013 u li hija inizjat dawn il-proċeduri meta baqgħet ma semgħet xejn kif għadda Settembru. John Mallia jikkonferma li l-kuntratt ma sarx sal-aħħar sa Settembru għaliex id-data kienet ġiet posposta għall-Ottubru iżda huwa jgħid li ma kienx żamm lill-attriċi infurmata dwar il-proċess, anzi huwa jgħid li ppretenda li l-attriċi tiġri warajh hi sabiex tkun taf meta ser titħallas.

Il-Qorti kkunsidrat illi in kwantu li qiegħed jintalab biss imgħax mid-data ta' meta ġie preżentat ir-rikors ġuramentat sad-data meta ġiet ippreżentata n-nota fl-atti tas-subbasta msemmija, u

li l-konvenuta ammetiet it-talbiet u fil-fatt resqet għall-ħlas, il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex tilqa' t-talba għall-imgħax kif ivverbaliżżat fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2014. Għandu jiġi applikat għal dan il-każ l-artikolu 1133(2) tal-Kodiċi Ċivili peress illi ma ġiex muri li kien stabbilit żmien meta kellu jitħallas l-ammont dovut lill-attriċi u allura jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu li jgħid hekk: *'Jekk fil-ftehim ma jkun ġie stabbilit ebda żmien, jew jekk iż-żmien ikun jagħlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tiegħu ma jiġix imqiegħed in mora ħlief wara li jiġi msejjaħ b' att ġudizzjarju'*. L-att ġudizzjaru huwa r-rikors ġuramentat peress li f'dan il-każ ma saritx sejħa għall-ħlas qabel permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor. B'żieda ma dan, japplika wkoll l-artikolu 1141(2) li jgħid hekk: *'F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni*.' Għaldaqstant, l-imgħax għandu jiddekorri kif verbalizzat fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2014.

Fir-rigward tal-ispejjeż, huwa veru li l-koperattiva konvenuta ammettiet it-talbiet iżda mill-provi prodotti ma jirriżultax illi li kieku l-attriċi għamlet sejħa ġudizzjarja għal ħlas qabel ma ressqet din l-azzjoni l-koperattiva kienet ser tħallas abbażi ta' dik is-sejħa ġudizzjarja. Anzi, jirriżulta li saru diversi interpellazzjonijiet bonarji fix-xhur qabel ma nfetħet il-kawża. Il-pożizzjoni ta' John Mallia għan-nom tal-koperattiva kienet ċara fis-sens illi l-koperattiva kienet ser tħallas meta jkollha l-flus f'idejha u l-fatt illi lanqas ħadd min naħa tal-koperattiva ma kien prudenti u żamm lill-attriċi infurmata dwar fiex wasal il-proċess sabiex titħallas, ma jirriflettix tajjeb fuq l-atteggjament tal-membri tat-tmexxija tal-koperattiva fil-konfront tal-attriċi. Kien jispetta lill-Kumitat ta' Tmexxija jżomm lill-attriċi infurmata dwar meta ser titħallas flus li fuq kollox kienu dovuti lilha, u mhux vice versa li hija kien imissha tiġri warajhom biex tara meta ser titħallas.

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Michael Fenech vs Joseph Cassar, deċiża fis-17 ta' Marzu 2004:

*"Hu prinċipju paċifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li għandu jagħti, u fil-fatt jgħaddi wkoll għall-ħlas, ma jistax jiġi meħlus mill-ħlas ta' l-ispejjeż jekk ma jkunx hemm xi raġuni in kuntrarju (Kollez. Vol. XLI P I p 612)*."

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti, wara li eżaminat il-mertu sabiex tara u tistabbilixxi jekk jeżistix fil-każ preżenti tali raġuni, ma ssibx illi hija ġustifikata l-eċċezzjoni tal-koperattiva konvenuta li hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi stante l-ammissjoni tal-koperattiva konvenuta, bl-imgħax kif ivverbalizzat fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2014.

Spejjeż jitħallsu mill-koperattiva konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG